# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tielet Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nimtlew bil-kuraġġ għax Alla hu d-dawl veru tagħna.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġona 3, 1-5.10)

Il-profeta Ġona jwassal il-messaġġ ta' Alla lin-nies ta' Ninwè.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 24 (25), 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9)

Triqatek, Mulej, għarrafni.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 7, 29-31)

San Pawl jgħidilna li dak kollu li huwa ta' din id-dinja għad jispiċċa.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 1, 14-20)

Ġesu jistieden lid-dixxipli tiegħu biex jitilqu kollox u jimxu warajH.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

L-għaqda hi importanti fil-ħajja tagħna. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lil Alla talli jgħaqqadna flimkien permezz tal-offerti tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Is-sejħa li qed jagħmlilna Alla bħalissa hija dik li jidħol fil-ħajja tagħna. Ejjew nilqgħu din l-istedina billi nħallu lil Alla jgħammar fina.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.